MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 962/2002

**Vanessa Bezzina**

**vs**

**Christopher Vella**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta’ April 2001 kif jidher mic-certifikat anness bhala Dol. “A” u f’inqas minn sena huma sseparaw minn ma’ xulxin permezz ta’ kuntratt datat it-18 ta’ April 2002 fl-atti tan-Nutar Dr. Vanessa Pool anness bhala Dok. “B”;

Illi dan iz-zwieg huwa null billi l-kunsens tal-konvenut huwa vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq

il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew minhabba anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg a tenur ta' l-**artikolu 19 subartikolu 1(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi dan iz-zwieg huwa null ukoll billi l-kunsens tal-konvenut huwa vizzjat billi l-istess konvenut eskluda element jew elementi essenzjali tal-hajja mizzewga a tenur ta' l-**artikolu 19 subartikolu 1(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi dan iz-zwieg huwa null billi l-kunsens tal-konvenut huwa vizzjat billi fil-mument taz-zwieg l-istess konvenut ma kellux setghat intelletwali jew ta' rieda biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg a tenur ta' l-**artikolu 19 subartikolu 1(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fis-27 ta' April 2001 huwa null u bla effett a tenur ta' l-artikolu 19 subartikoli 1(d), 1(f) u 1(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-18 ta' Dicembru 2002 a fol. 16 fejn gie eccepit:

Illi l-eccipjenti jaqbel li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett peress li l-kunsens tieghu kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha a tenur ta' l-artikolu 19 tal-Kapitolu 255.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 17 tal-process;

Rat il-verbali tas-7 ta’ Jannar 2003, u tas-6 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2003.

Rat in-nota ta’ l-attrici ta’ l-4 ta’ Frar 2003 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) PROVI PRODOTTI.

“*Illi nghid li kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg tieghi mal-konvenut, il-konvenut kien regolarment johrog ma’ shabu w jiffrekwenta postijiet ta’ divertiment bil-mohbi tieghi u tal-familja tieghu. Li konvenut kien jghidli li kien ikun xoghol meta fil-fatt kien jiltaqa’ ma’ shabu u jmur jiffrekwenta dawn il-postijiet. Peress li zewgi Pulizija, jiena ma kelli ebda raguni ghaliex nissusspetta hazin fih, peress li x-xoghol tal-Pulizija jirrekjedi li jahdmu f’hinijiet differenti. Nghid pero’, li huwa kien jinqeda` b’din is-sitwazzjoni sabiex johrog ma’ shabu u mbaghad jghidli li keliu jibqa’ xoghoi minhabba xi emergenza li tkun inqalghet. Naf li anke hwejjeg kien izomm fil-karozza tieghu sabiex ibiddel hwejgu qabel johrog minghajr ma jkollu htiega jigi d-dar;*

*Illi nghid li fil-fatt zewgi ltaqa’ ma’ barranija f’Jannar tas-sena 2002, meta suppost kien xoghoi sad-9.00 p.m. Dakinhar li ltaqa’ ma’ din il-barranija huwa kien dahal id-dar ghal xi t-3.00 ta’ filghodu. Huwa kien irrakkontali xi emergenza li inqalghet fl-ahhar minuta u li minhabba fiha keliu jibqa’ xoghol. Niftakar li jiena kont tkellimt mieghu fuq il-mobile peress li rajt li kien dam u bqajt nistennieh*

*peress li inkwetajt. Ilum naf, pero', ghax qalli b'dan il-konvenut stess, illi dik kienet biss skuza peress li dakinhar huwa kien hareg ma' siehbu wara x-xoghoi sabiex jiehdu drink flimkien Bugibba u kien proprju dakinhar li ltaqa' ma' din il-barranija li maghha imbaghad beda` relazzjoni;*

*Illi l-konvenut ammetta mieghi li dan il-hrug kien jaghmlu wkoll fl-gherusija. Huwa sahansitra ammetta mieghi li sa madwar tlett gimghat qabel iz-zwieg huwa sa wasal biex kellu x'jaqsam sesswalment ma' mara ohra. Kieku kont naf b'dan ma kontx nizzewgu;*

*Illi nghid ukoll illi lill-konvenut ma nafux bhala wiehed li jhobb jixrob hafna alkohol jew jisker. Dakinhar tat-tieg, pero`, kif ammess minnu stess fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, huwa ikkonsma aktar minn nofs flixkun Whisky u fil-fatt kien gie notat kemm minni u kif ukoll minn familjari ohra li kien xorob. Niftakar li l-ewwel haga li ghidtiu x'hin rajtu dakinhar tat-tieg kienet: "Jaqaw xrobt?" Dan esklamajtu mieghu peress li xammejt riha qawwija ta' alkohol;*

*Illi nghid li meta tfarrak iz-zwieg taghna, il-konvenut kien qalli li ma kienx irid rabta u li kien bi hsiebu jibqa' jghix hajja ta' guvni minghajr ebda sagrificji u responsabilita'. Nghid, pero`, li kien hemm okkazjoni wahda meta huwa kien donnu qed jerga` ibiddel fehmtu u ghal mument kien donnu ser jipprova jsalva z-zwieg taghna. Fil-fatt, f'din l-okkazjoni huwa kien cempel lil din il-barranija quddiemi u qalilha li kien bi hsiebu jerga` jirranga s-sitwazzjoni mieghi. L-ghada filghodu stess, pero`, il-konvenut qalli li kien jinsab konfuz u li kien ghadu jahseb fuq l-ohra u li ma kienx jaf kemm se jirnexxilu joqghod minghajrha. Irrealizzajt li biex bidel fehemtu daqshekk malajr kien ghadu immatur u ma jafx xi jrid. Kien hawnhekk li ddecidejna li ma stajnix aktar nghixu flimkien;*

*Illi aktar tard il-konvenut kien qalli li kien jirrispettani hafna pero` ma kienx ihobbni bhala siehba fiz-zwieg. Fil-fatt huwa stqarr mieghi li kien beda` jibred minni madwar sentejn qabel ma izzewwigna. Ahna konna ilna nohorgu flimkien madwar sitt snin. Il-konvenut, pero`, ma kienx*

*qalli b'dan fl-gherusija. Fil-fatt huwa ma kien qatt stqarr mieghi li kellu xi dubju. L-uniku fattur li ghalija ma kienx normali kien il-fatt li gie ghaz-zwieg wara li kkonsma ammont kbir ta' alkohol, meta din ma kenetx xi haga normali ghalih;*

*Illi nghid li fil-ftit xhur li ghamilna nghixu flimkien bhala mizzewgin, li-konvenut baqa` jghix hajja ta' guvni u fil-fatt huwa ma qallix qabel bis-sitwazzjoni tieghu peress li beda` jikkonfondi kif jghidli. Ghalkemm konna ghadna biss ftit xhur mizzewgin, ahna konna ilna madwar sitt snin nohorgu flimkien u ghalhekk huwa beda` jibza illi jiena stajt nohodha hazin hafna u beda jinkwieta ghalija. Huwa stqarr mieghi li ghalkemm qabel iz-zwieg huwa kellu dubji, huwa ried jipprova z-zwieg bit-tama li jinbidel u jibda jghix bhala mizzewweg. Wara ftit xhur, pero', huwa rrealizza li ma setax jghix din il-hajja. Huwa ma setax jibqa` kull darba jivvinta l-iskuzi biex jaghmel minn warajja dak li ma kienx minnu mistenni."*

**<u>II) PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi fit-tieni (2) premessa tac-citazzjoni l-attrici qalet *"illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u konsegwentement z-zwieg huwa null"* liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fit-tielet (3) premessa tac-citazzjoni taghha l-attrici qalet *"illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"* liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fir-raba' (4) premessa tac-citazzjoni l-attrici qalet *"illi l-konvenut ma kellux fiz-zmien li sar z-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg"*, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19(1)(h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi **l-artikolu 19 (1) (f), (d) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**19(1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*
**(d)** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

**(f)** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

**(h)** *"jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

Illi il-Qorti se tghaddi biex tezamina it-tieni premessa ta' l-attrici u cjoe' **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ill ghar-rigward ta' l-**artikolu 19 subinciz (1) paragrafu (d)** mill-provi migbura jirrizulta illi l-konvenuti fl-ebda mument ma kkunsidra il-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. ***Dr. Abigail Attard*****,** fit-tezi taghha **"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** tghid illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"suppose not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a*

*critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* (pg 42).

Illi mhux bizzejjed li tkun taf x'inhu z-zwieg izda jrid ikun hemm ukoll il-maturita' li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha hajja mizzewga.

*"B'difett serju ta' diskrezzjoni l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. In-nuqqas ta' "discretio judicii" hu kuncett guridiku interament marbut mall-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u kuxjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg".*

Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazjoni sabiex tidhol fid-dettal fl-**artikli 19(1)(d) u (f)** li huma mertu tal-kawza odjerna. Illi a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghas-sentenza **"Ahmed Al Halel vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 –Citaz.Numru:134/00/RCP u **"Isabelle Muscat vs James Muscat" –** P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2003) u abbazi tal-istess gurisprudenza u awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikoli 19(1) (d) u (f)** minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat.

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatament, taht **l-artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi rigward l-**Artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira ta' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti f' **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A.- 30 ta' Lulju, 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz

mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi f' **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. - 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi f' **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*

Illi f' **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. –14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni hekk:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et", (**Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati ukoll f' **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. 30 ta' Jannar 1991) u f' **"Grech vs Grech"** (P.A. 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cjoe' il-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994): *"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'Consortium Vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi dwar it-raba` (4) premessa ta' l-attrici u cjoe' **l-artikolu 19(1) (h) tal-Kap 255.** L-attrici ippremettiet illi l-konvenut ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti interdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha

mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempji ta’ dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta’ dipressjoni.

Illi ***John R. Keating***, fil-ktieb tieghu **“The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence”** f’pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

*“Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will.”*

## III. Apprezzament Tal-Provi

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut meta dahal ghal dan iz-zwieg ma kellux id-diskrezzjoni necessarja sabiex jidhol ghal tali mpenn u dan stante li jirrizulta li huwa ferm qabel l-istess data kellu d-dubji tieghu lejn dak li jhoss lejn l-attrici u jidher li l-unika raguni li wasslitu jaghmel dan il-pass kien biss ghaliex kien preokkupat dwar kif tehodha l-attrici jekk huwa jhassar jew jipposponi tali zwieg.

Illi fil-fatt il-konvenut minkejja dawn id-dubbji li huwa apertament esprima mal-attrici anke waqt il-konvivenza taghhom f’din is-suppost unjoni, jidher li kkundizzjona l-kunsens tieghu ghall-istess zwieg b’dan li jekk skond hu jhoss li l-affarijiet ma kienux ser jimxu sew ma l-attrici huwa xorta kien ser jibqa’ jghix hajja ta’ guvni, bil-hrug u divertiment li tali hajja tista’ timporta ghal xi whud.

Illi l-aktar sinifikanti mill-atteggjament tal-konvenut f’dan il-kuntest kien il-fatt li in verita` l-istess attur mid-data stess tal-istess zwieg baqa’ jghix hajja ta’ guvni fis-sens li l-hrug tieghu wahdu u mal-hbieb kien konsistenti u jidher li mhux s’hawn biss wasal, izda kellu relazzjonijiet intimi ma nisa ohra, ghall-bidu minn wara dahar l-attrici, izda meta din

indunat huwa stqarr kif kien qed jghaddi l-hin tieghu anke jekk lil attrci kien jgidilha li kien ikn xoghol.

Illi minn dan kollu jirrizulta bla ebda dubju li l-kunsens tal-konvenut kien ukoll vizzjat peress illi huwa eskluda posittivament l-idea u l-kuncett bazilari ghall-istess istituzzjoni li ragel ikollu relazzjonijiet intimi biss mas-siehba tieghu, izda f’dan il-kaz jidher li l-konvenut tali element essenzjali ta’ hajja mizzewga eskludih ghal kollox u bizzejjed jinghad li minhabba dawn ir-relazzjonijiet tali knvivenza tal-partijiet odjerni damet inqas minn sena ghaliex il-konjugi Vella zzewwgu fis-27 t’April 2001 u sat-18 t’April 2002 kienu diga sseparaw bonarjament u legalment permezz ta’ kuntratt ippublikat minn Nutar Vanessa Pool.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** u invista ta’ dan il-pronunzjament din il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol f’aggravji ohra citati mill-attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut skond in-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:

1. Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fis-27 ta’ April 2001 huwa null u bla effett a tenur ta’ l-**artikolu 19 sub-artikoli 1(d), 1(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------